**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christian Cauchi)**

**v.**

**Alvin Pullicino**

**Kumpilazzjoni Nru. 282/2024 AC**

**Illum, it-22 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat **Alvin Pullicino** ta' 33 sena bin Saviour Pullicino u Mary Pullicino nee' Bartolo mwieled nhar it-22 ta' Frar 1991 ġewwa l-Pieta', residenti ġewwa fond "Ġensna", Triq il-Magħsar, Ħaż-Żabbar u detentur tal-Karta tal-Identita' 0124091M, li kien akkużat talli nhar il-5 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' flgħaxija (20:15hrs) u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli nhar il-05 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' flgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ġimgħat, ġranet, xhur u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer

Maltin ikkaġuna lill-**eks sieħba tiegħu Roxanne Pace** biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, id-delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili u dan bi ksur tal-***Artikoli 251B, 251H(a)(b)(f)(g)(h)(i), 251HA, 222(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u taħt l-istess ċirkustanzi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin ikkaġuna lil Michael Delia biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tiegħu, aħwa subien jew bniet u dan bi ksur tal-***Artikoli 251(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

3. U aktar talli nhar il-5 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ġimgħat, ġranet, xhur u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi ikkaġuna lill-**eks sieħba tiegħu Roxanne Pace** fastidju għal aktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien qed ikun ta' fastidju għall-**eks sieħba tiegħu Roxanne Pace** u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili dan bi ksur tal-***Artikoli 251A(1), 251H(a)(b)(f)(h)(i) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

4. U aktar talli nhar il-5 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa l-Gżejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew

bil-ħsieb li jġiegħel lil Roxanne Pace u lil Michael Delia biex jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħhom, jew biex jimmalafama lil Roxanne Pace u lil Michael Delia jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-***Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kaptiolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta***;

5. U aktar talli nhar is-6 ta' April 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' wara ġewwa Triq San Leonardu, Ħaż-Żabbar kif wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq l-Ispettur Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba li huma inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-***Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

6. U aktar talli nhar is-6 ta' April 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) u/jew il-ħinijiet ta' wara ġewwa Triq San Leonardu, Ħaż-Żabbar kif wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Ispettur Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba waqt li huma inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba jagħmlu dak li b'Liġi jkunu ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li l-Ispettur Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba ikunu għamlu skont il-Liġi u dan bi ksur tal-***Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

7. U aktar talli nhar il-5 ta’ April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta’ filgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ħinijiet ta’ qabel ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid lil Roxanne Pace u lil Michael Delia liema inġurji mhux imsemmijin band’ oħra f’dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b’mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-***Artiklu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta***;

8. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b’digriet datat nhar it-13 ta’ Ġunju 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D. li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur tal-***Artiklu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta***.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka contrario imperio d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmija Alvin Pullicino, kif ukoll tordna li s-somma ta’ sittin elf ewro (€60,000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex toħroġ Ordni ta’ Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra Alvin Pullicino għal benefiċċju ta’ Roxanne Pace, Michael Delia u l-familjari tagħhom u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija, jiġu applikati l-provvedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputat tressaq b’arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa Dr. Victor G. Axiak nhar is-7 ta’ April 2024, fejn l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Christian Cauchi qara u kkonferma l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat bil-ġurament;

Rat li wara li fl-istess seduta sar l-eżami mingħajr ġurament tal-istess imputat[1] *ai termini* tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan li l-istess imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dawn il-proċeduri jkunu trattati b'mod sommarju[2];

2. Dikjarazzjoni għar-Rinunzja għall-Assistenza Legali tal-imputat **Alvin Pullicino**[3];

3. Riċevuta għaż-żamma ta' oġġetti elevati mill-pussess tal-imputat **Alvin Pullicino**[4];

4. Kopja ta' Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest favur l-imputat **Alvin Pullicino** datat it-13 ta' Ġunju 2018 maħruġ mill-Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi[5];

5. Il-Fedina Penali tal-imputat **Alvin Pullicino** hekk kif aġġornata fis-6 ta' April 2024[6];

6. Iċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat **Alvin Pullicino**[7];

7. *Referral For Domestic Violence Unit* fir-rigward tal-Parte Civile **Roxanne Pace**[8];

8. Kopja ta' *call logs* u messaġġi[9];

---

[1] Ara a fol 14 tal-proċess
[2] Ara Dok A a fol 15 tal-proċess
[3] Ara Dok B a fol 16 tal-proċess
[4] Ara Dok C a fol 17 tal-proċess
[5] Ara Dok D a fol 18 tal-proċess
[6] Ara Dok E a fol 19 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok F a fol 22 tal-proċess
[8] Ara Dok G a fol 23 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok H a fol 31 *et seq* tal-proċess

9. Mandat t'Arrest u Tfittxija datat is-6 t'April 2024 fil-konfront tal-imputat **Alvin Pullicino** maħruġ mill-Maġistrat tal-Għassa Dr. Claire Stafrace Zammit[10];

10. Rapport tal-NPS bir-Referenza 4/POL/1888/2024[11];

11. Stqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat **Alvin Pullicino** dwar ir-Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/869/2024[12];

12. Ritratt b'messaġġi min-numru tal-*mobile* +356 7920 8020[13];

13. Ritratt b'*call logs* min-numru tal-*mobile* +356 7920 8020[14];

14. Ritratt b'*call logs* min-numru tal-*mobile* +356 7920 8020[15];

15. *Screenshot* minn *camera* tas-sigurta'[16];

16. *Screenshot* minn *camera* tas-sigurta'[17];

17. *Call logs* relattivi għal dawn il-proċeduri ppreżentati minn Rappreżentant ta' GO plc[18];

18. Vera Kopja tal-Inkartament relattiv għad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest a favur l-imputat **Alvin Pullicino** maħruġ mill-Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi datat it-13 ta' Ġunju 2018[19];

---

[10] Ara Dok I a fol 33 tal-proċess
[11] Ara Dok J a fol 34 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok K a fol 37 tal-proċess
[13] Ara Dok CC1 a fol 58 tal-proċess
[14] Ara Dok CC2 a fol 59 tal-proċess
[15] Ara Dok CC3 a fol 60 tal-proċess
[16] Ara Dok CC4 a fol 61 tal-proċess
[17] Ara Dok CC5 a fol 62 tal-proċess
[18] Ara Dok AB1 a fol 99 *et seq* tal-proċess
[19] Ara Dok SCT1 a fol 115 *et seq* tal-proċess

19. Traskrizzjoni tal-Istqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat **Alvin Pullicino**[20];

20. *Call logs* ippreżentati minn Rappreżentant ta' Melita plc[21];

21. Rapport tal-Psikjatra Kristian Sant[22];

22. *CD* kontenenti filmat[23];

23. *Pendrive* kontenenti filmati u *recordings*[24];

24. Filmat mill-*bodycam* ta' PS 2224 Susanne Mifsud[25];

25. Sett ta' żewġ ritratti ta' *evidence bags*[26] u arma tan-nar[27];

26. *Stills* minn filmat tal-*camera* tas-sigurta'[28];

27. Karta tal-Identita' tal-imputat **Alvin Pullicino**[29];

28. Nota tas-*Senior Probation Officer* Gordon Grech datata t-23 ta' Settembru 2024 li permezz tagħha informa lil din il-Qorti li kien nominat il-*Probation Officer* Dylan Santillo sabiex isegwi lill-imputat **Alvin Pullicino** matul il-perjodu tal-Ordni tat-Trattament tal-5 ta' Ġunju 2024[30];

29. Rapport tal-*Probation Officer* Dylan Santillo datat it-12 ta' Novembru 2024[31];

---

[20] Ara Dok AM1 a fol 145A *et seq* tal-proċess
[21] Ara Dok CJB1 u Dok CJB2 a fol 176 u 177 tal-proċess
[22] Ara Dok KS1 a fol 185 *et seq* tal-proċess
[23] Ara Dok CCA1 a fol 203 tal-proċess
[24] Ara Dok CCA2 a fol 204 tal-proċess
[25] Ara Dok CCA3 a fol 205 tal-proċess
[26] Ara Dok CCA4 a fol 206 tal-proċess
[27] Ara Dok CCA5 a fol 207 tal-proċess
[28] Ara Dok CCA6 u CCA7 a fol 208 u 209 tal-proċess
[29] Ara Dok AP1 a fol 217 tal-proċess
[30] Ara a fol 227 tal-proċess
[31] Ara a fol 231 tal-proċess

Rat li fis-seduta tas-7 t' April 2024 din il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[32] fil-konfront tal-imputat u a favur il-partijiet leżi **Roxanne Pace, Michael Delia u l-familjari tagħhom**;

Rat li din il-Qorti kif preseduta tat Ordni ta' Trattament *ai termini* tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur l-imputat **Alvin Pullicino** datata l-5 ta' Ġunju 2024[33];

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2024;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk trid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Semgħet ix-xhieda ta' **Roxanne Pace**, **PC 402 Andre Mifsud**, **Emanuel Bellotti**, **l-Ispettur Kurt Farrugia**, **Michael Delia**, **PS 2224 Suzanne Mifsud**, **PS 821 Matthew Abela Galea**, **Anthony Bonnici għan-nom tas-soċjeta' GO plc**, **PS 692 Owen Peter**

[32] Ara a fol 38 tal-proċess
[33] Ara a fol 210 *et seq* tal-proċess

**Pace**, **ir-*Risk Assessors* Redent Farrugia u Domenique Bellizzi**, **l-Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Stephania Calafato Testa**, **Dr Alexandra Mamo**, **Christian Joseph Bartolo għan-nom tas-soċjeta' Melita Limited**, **il-Psikjatra Dr Kristian Sant**, **l-Ispettur Christian Cauchi**, **PS 2223 Charlene Calleja** u **PS 2210 Tania Mangion**;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi l-imputat kien mixli talli nhar il-5 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) u/jew fix-xhur, ġimgħat, ġranet u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin b'diversi atti magħmulin minnu, wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli nhar il-05 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ġimgħat, ġranet, xhur u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin ikkaġuna lill-**eks sieħba tiegħu Roxanne Pace** biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, id-delitt twettaq bl-użu jew it-theddid tal-użu ta' arma u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili u dan bi ksur tal-***Artikoli 251B, 251H(a)(b)(f)(g)(h)(i), 251HA, 222(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħinijiet u taħt l-istess ċirkustanzi ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin ikkaġuna lil Michael Delia biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra l-persuna ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tiegħu, aħwa subien jew bniet u dan bi ksur tal-***Artikoli 251(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

3. U aktar talli nhar il-5 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ġimgħat, ġranet, xhur u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi ikkaġuna lill-**eks sieħba tiegħu Roxanne Pace** fastidju għal aktar minn darba u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien qed ikun ta' fastidju għall-**eks sieħba tiegħu Roxanne Pace** u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, u twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, u d-delitt ikkawża offiża gravi fiżika jew psikoloġika fuq il-vittma u l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili dan bi ksur tal-***Artikoli 251A(1), 251H(a)(b)(f)(h)(i) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

4. U aktar talli nhar il-5 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel dan ġewwa l-Gżejjer Maltin, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil Roxanne Pace u lil Michael Delia biex jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra tagħhom, jew biex jimmalafama lil Roxanne Pace u lil Michael Delia jew xi persuni oħra u għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-***Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kaptiolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta***;

5. U aktar talli nhar is-6 ta' April 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' wara ġewwa Triq San Leonardu, Ħaż-Żabbar kif wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq l-Ispettur Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean

Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba li huma inkarigati skont il-Liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-***Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

6. U aktar talli nhar is-6 ta' April 2024 għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30hrs) u/jew il-ħinijiet ta' wara ġewwa Triq San Leonardu, Ħaż-Żabbar kif wkoll ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Ispettur Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba waqt li huma inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba jagħmlu dak li b'Liġi jkunu ordnati jew jistgħu jagħmlu, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li l-Ispettur Christian Cauchi, PS 2224 Susanne Mifsud, PS 821 Matthew Abela Galea, PC 263 Jean Claude Tonna kif wkoll PC 138 Mariah Saliba ikunu għamlu skont il-Liġi u dan bi ksur tal-***Artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

7. U aktar talli nhar il-5 ta' April 2024 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' filgħaxija (20:15hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin u taħt l-istess ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid lil Roxanne Pace u lil Michael Delia liema inġurji mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-***Artiklu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***;

8. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat nhar it-13 ta' Ġunju 2018 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), mill-Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D. li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur tal-***Artiklu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

Minn kif intqal aktar 'il fuq, meta tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat tal-Għassa nhar is-7 ta' Ġunju 2024, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda rreġistra ammissjoni għall-istess fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2024, fejn wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' din id-dikjarazzjoni u wara li tagħtu ċ-ċans sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minnha, l-imputat għal darb' oħra tenna din id-dikjarazzjoni ta' ħtija;

*In oltre*, kif sostnut aktar 'il fuq, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma kellha l-ebda raġuni għalxiex tiddubita d-dikjarazzjoni magħmula mill-imputat, u għalhekk, in vista tal-istess, din il-Qorti tqis li m'għandha ebda triq oħra għajr li tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu ġew sodisfaċentement pruvati;

A rigward il-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu saret fi stadju avvanzat ta' dawn il-proċeduri. Hu minnu li l-ammissjoni tal-imputat kienet waħda libera u inkondizzjonata iżda dan ma jfissirx awtomatikament li din ser issarraf fi tnaqqis fil-piena. Fil-fatt, lanqas ammissjoni bikrija ma tagħti din il-garanzija aħseb u ara ammissjoni fi stadju avvanzat fejn il-Qorti kellha tisma' numru ta' xhieda u ġew utilizzati numru ta' seduti. Dan huwa prinċipju ben saput fil-ġurisprudenza tagħna, fejn "***ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b'xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni tal-piena***"[34]. F'dan il-każ jirriżulta li l-imputat iddikjara l-ħtija tiegħu wara li l-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi tagħha magħluqin[35], id-Difiża għalqet il-provi tagħha[36], u l-kawża kienet differita għat-trattazzjoni finali. Dan għalhekk imur lil hinn minn dak argumentat mill-Qrati

[34] Ara f'dan is-sens Appell Nru. 412/2011 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. David Scicluna fit-23 ta' Jannar 2013; Appell Nru. 382/2014 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Brandon Pace**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. David Scicluna fit-30 ta' Ottubru 2014; Appell Nru. 155/2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jeremy James Farrugia**, deċiż fl-14 ta' Ottubru 2003 mill-Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono

[35] Ara l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Lulju 2024 a fol 224 tal-proċess

[36] Ara l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Settembru 2024 a fol 228 tal-proċess

tagħna u dawk internazzjonali f'dak li jirrigwarda t-tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[37], fejn dawk iċ-ċirkostanzi, il-Qorti sedenti tkun frankat il-ħin ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji għall-amministazzjoni tal-ġustizzja. Għaldaqstant, id-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat trid titqies f'dan il-kuntest;

2. In-natura tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat, li lkoll huma miġbura taħt il-kappa tar-reat kontinwat *ai termini* tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn dawk fir-rigward tal-eks-sieħba tiegħu **Roxanne Pace**, u ċioe' l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni[38], jirrikwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[39] u "familja jew unita' domestika"[40] a tenur tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan minbarra l-aggravji assoċjati mal-istess imputazzjonijiet, inkluż l-użu jew it-theddid ta' użu ta' arma sabiex jitwettqu r-reati fil-konfront tagħha u li l-atti msemmija f'dawn imputazzjonijiet seħħew ripetutament, ikomplu jagħtuhom xejra aktar serja. Dan minbarra t-tieni, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni fir-rigward tal-Parte Civile **Michael Delia**, kif ukoll l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija u ċioe' l-ħames u s-sitt imputazzjoni, u t-tmien imputazzjoni li tirrigwarda ksur tal-kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest;

[37] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

[38] Fil-kuntest ta' din id-definizzjoni, ir-raba' u s-seba' imputazzjoni qed ikunu kkunsidrati a rigward il-Parte Civile Roxanne Pace

[39] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima"

[40] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(d) tal-istess Kapitolu, u ċioe' "persuni li qiegħdin jew kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima";

3. A rigward din l-imputazzjoni tal-aħħar, u ċioe' dik ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-Ħelsien mill-Arrest, din il-Qorti, minkejja li tagħmilha ċara minn kif spjegat aktar 'il fuq li l-akkużi mertu ta' dawn il-proċeduri huma ta' natura serja, tqis li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx idoneju li jkun ikkonfiskat l-ammont sħiħ ta' €60,000 a favur il-Gvern ta' Malta peress li tqis li f'dan il-każ, tkun piena eċċessiva;

4. Dak identifikat mill-*Probation Officer* Dylan Santillo fir-Rapport tiegħu dwar Ordni ta' Trattament fir-rigward tal-imputat datat it-12 ta' Novembru 2024, fejn jirriżulta li l-imputat kien iddaħħal l-Isptar Monte Carmeli nhar it-8 ta' April 2024 u ħareġ fil-25 ta' April 2024, u jistqarr mal-*Probation Officer* li jikkonsma l-kannabis madwar darba fil-ġimgħa kif ukoll il-kokaina, pero' minkejja li jsostni li kienu ilu madwar 9 xhur ma jikkonsmaha, jirriżulta li ma kellu ebda kuntatt mal-aġenziji kontra l-abbuż tad-droga. Il-*Probation Officer* ikompli biex jirrakomanda li l-imputat ikompli jżomm kuntatt miegħu sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga u jagħmel kuntatt ma' psikjatra bl-iskop li tkun assessjata aħjar il-personalita' tiegħu.

Din il-Qorti tibda biex tosserva li r-reati addebitati lill-imputat huma tali li m'humiex insinifikanti u għalhekk għandhom jingħataw l-importanza li jixirqilhom, speċjalment f'dak li jirrigwarda l-aġir tiegħu fil-konfront tal-partijiet leżi, u tal-Pulizija li min-naħa tagħhom kienu qiegħdin jaqdu dmirijiethom hekk kif stabbilit mil-Liġi. Tenut kont il-fatturi imsemmija aktar 'il fuq, din il-Qorti tqis pero' li minkejja li l-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tal-imputat huma soġġetti għal piena karċerarja effettiva, dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-imputat sabiex ikompli jirriforma ruħu billi jitbiegħed mill-vizzju tad-droga u jindrizza l-problemi psikoloġiċi li jistgħu joħorġu wara li jkun evalwat minn psikjatra hekk kif rakkomandat mill-*Probation Officer*.

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 95, l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251(3), l-Artikolu 251A(1)(b), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251H(f), l-Artikolu 251H(g), l-Artikolu 251H(h), l-Artikolu 251H(i), l-Artikolu 251HA, l-Artikolu 338(ee), l-Artikolu

339(1)(e) u l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(a), l-Artikolu 49(b) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 2 u l-Artikolu 2(d) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu stess, issib lill-imputat **Alvin Pullicino** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, iżda peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li rat l-Artikolu 2 u l-Artikolu 7 tal-istess Kapitolu, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati **Alvin Pullicino**, taħt Ordni ta' *Probation* għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, b'dan illi l-ħati **Alvin Pullicino** jitqiegħed taħt is-sorveljanza ta' *Probation Officer* indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet relattiv tal-lum u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza;

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-ħati **Alvin Pullicino** bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* kif ukoll tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jaderixxi ma' dawk l-ordnijiet u l-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jikkometti reat ieħor matul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, *nonche* l-konsegwenzi li jistgħu jkunu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-Ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati **Alvin Pullicino** jiddikjara li jaqbel ma' tali Ordni;

*Ai termini* tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* bid-digriet tal-lum stess għandu jkun trasmess minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati **Alvin Pullicino**;

Il-*Probation Officer* assenjat għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati **Alvin Pullicino** kull tliet (3) xhur;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3), l-Artikolu 412Ċ(9) u l-Artikolu 412Ċ(10), qiegħda tpoġġi lill-ħati **Alvin Pullicino** taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal</u>**

**<u>perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza</u>**, u dan bl-iskop li jkompli jindirizza l-vizzju tiegħu tad-droga u jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet flimkien ma' din is-sentenza tkun ikkomunikata wkoll lid-Dipartiment tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* sabiex jassenja *Probation Officer* li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tal-ħati **Alvin Pullicino**, li għandu jaġġorna lil din il-Qorti bl-andament tal-istess ħati **Alvin Pullicino** kull tliet (3) xhur;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Alvin Pullicino** a favur il-partijiet leżi **Roxanne Pace u Michael Delia u l-familjari tagħhom <u>għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza</u>**, liema Ordni tat-Trażżin għandha wkoll tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni tiegħu stess, tikkundanna lill-ħati **Alvin Pullicino** **<u>multa fl-ammont ta' tmien mitt Euro (€800)</u>**;

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 49(a), l-Artikolu 49(b) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tikkundanna lill-ħati **Alvin Pullicino** l-ħlas ta' **<u>multa fl-ammont ta' mitejn u ħamsin Euro (€250)</u>**;

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tikkundanna lill-ħati **Alvin Pullicino** għall-ħlas tal-inkarigu tal-esperti nominati minn din il-Qorti matul dawn il-proċeduri, u **<u>ċioe' fl-ammont ta' sebgħa u tletin Euro u ċenteżmu (€37.01)</u>** għall-inkarigu espletat minn Dr. Alexandra Mamo bħala traskrittriċi tal-Istqarrija Awdjo-viżwali irrilaxxata mill-ħati, dak iż-żmien l-imputat, **Alvin Pullicino**;

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, qiegħda ssib lill-imputat **Alvin Pullicino** ħati ta' ksur tal-

kundizzjonijiet imposti fuqu permezz tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest datat it-13 ta' Ġunju 2018 mill-Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi, u tikkundannah ħlas ta' **multa fl-ammont ta' tmien mitt Euro (€800)**, u *in oltre*, *stante* li kif spjegat aktar 'il fuq, iċ-ċirkostanzi tal-każ odjern m'humiex tali li jimmeritaw il-konfiska tal-ammont stabbilit b'garanzija fl-istess digriet fl-intier tiegħu, u ċioe' ta' €60,000, u **għalhekk qiegħda tordna l-konfiska *in parte* ta' dan l-ammont u ċioe' s-somma ta' erbat elef Euro (€4,000)**;

*In oltre*, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqis li ċ-ċirkostanzi huma tali li ma jimmeritawx li tordna ri-arrest tal-ħati **Alvin Pullicino**, u dan anke *stante* l-fatt li dan ma jkunx ta' għajnuna għall-ħati sabiex isegwi l-Ordni ta' *Probation* imsemmija aktar 'il fuq u jkompli bir-riabilitazzjoni tiegħu, u għaldaqstant qiegħda tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward;

Il-Qorti tordna li ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna kopja skenjata tal-atti, inkluż din is-sentenza flimkien mad-digrieti relattivi, jkunu komunikati lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien stipulat mil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**